MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 853/2010

**Mobisle Communications Limited – C24655**

**vs**

**Stephanie Farrugia**
**ID-55689(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta' tmien mija erbgha u hamsin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€854. 91c), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru *427732* u dan fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat 2 ta' Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta’ tmien mija erbgha u hamsin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€854.91c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------